**28 ta' Lulju, 1987**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Francis Cremona *noe*

*versus*

Rita Gauci

**Sentenza – Nullità ta' – Eċċezzjoni**

*Quddiem l-ewwel Qorti ġiet ittratta eċċezzjoni preliminari u l-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni. Fil-fatt ingħatat sentenza fuq eċċezzjoni ulterjuri u mhux preliminari.*

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat għalhekk is-sentenza u rrimettiet lura l-Atti lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li biha l-attur *nomine,* wara li ppremetta li l-konvenuta aċċettat erba' kambjali tal-valur ta' tliet mija u seba' u sebgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm377.50.0) ttratta minn Winston Carbone għan-nom u in rapprasentenza tad-ditta *F & R Holdings Ltd.*, fuqu nnifsu hemm esibiti u mmarkati Dok. A, B, Ċ u D, li *F & R Holdings Limited* iġġirat dawn il-kambjali lill-attur *nomine* u li dawn il-kambjali skadew iżda baqgħu ma

tħallsux *nonostante* li l-konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallashom, talab li dik il-Qorti (1) tikkundanna *lill-konvenuta* tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet mija u seba' u sebgħin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm377.50.0) valur ta' erba' kambjalijiet *minnha aċċettati*, liema kambjali skadew u baqgħu ma tħallsux u (2) tikkundannaha tħallas l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data ta' l-iskadenza *ossija* l-1 ta' Settembru, 1983, 1 ta' Diċembru, 1983 u l-1 ta' Marzu, 1984 fuq l-ammonti tal-kambjali relattivi u (3) tikkundannaha tħallas l-ispejjeż tal-kawża inklużi żewġ ittri interpellatorji ta' l-20 ta' Marzu, 1984 u tas-27 ta' April, 1984;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Rita Gauci ppreżentata fil-5 ta' Settembru, 1984 (fol. 10) li biha eċċepiet (1) illi preliminarjament l-eċċipjenti ma għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* u l-interpellazzjonijiet minnu msemmija saru mill-kumpanija *F. & R. Holdings Ltd* li magħha *sar ftehim u għalhekk iċ-ċitazzjoni saret intempestivament* u l-eċċipjenti ma għandhiex tbati spejjeż (2) illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq espost, *it-talbiet attriċi* għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi l-attur *nomine* ma osservax il-proċedura kif ikkontemplata fil-Kodiċi tal-Kummerċ, speċjalment fl-artikoli 247, 282, 303 u 307 ta' l-istess Kodiċi (3) illi bla preġudizzju għal dak fuq espost, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-kambjali in kwistjoni ġew iffirmati wara li sar il-kuntratt ta' l-akkwist ta' biċċa art f'Birżebbuġa u dawn il-kambjali jirrappreżentaw il-bilanċ mill-prezz fuq l-istess art, u fuq liema art il-venditur, il-kumpanija *F. & R. Holdings Ltd,* iggarantiet fil-patt numru 3 li l-art in kwistjoni tinsab fi *scheme* tal-bini ta' *terraced houses,* li fil-fatt ma jirriżultax li kien il-każ u għalhekk l-eċċipjenti għandha dritt tikkawtela d-drittijiet tagħha u għalhekk għandu jiġi kkjamat fil-kawża il-paċifiku pussess ta'

l-istess art u (4) illi bla preġudizzju għal permess, il-konvenuta ma għandhiex tbati spejjeż billi skond il-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenuta, l-istess venditur għandu titolu esekuttiv u għalhekk din il-kawża saret inutilment, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Rita Gauci li tinsab esebita a fol. 9 tal-proċess li biha eċċepiet li l-*"endorsement"* magħmul mill-kumpanija *F. & R. Holdings Ltd* u d-ditta *Medrock Developments Company Limited* huwa null billi jonqos ir-rekwiżit tad-data kif rikjest mill-art. 195 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Diċembru, 1984 li biha rrespinġiet iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta msemmija fl-istess sentenza u ddifferit il-kawża għall-kontinwazzjoni għall-31 ta' Jannar, 1985, l-ispejjeż inkorsi ma' l-istess deċiżjoni jibqgħu riservati sal-finali ġudizzju wara li kkunsidrat li:

L-attur *nomine* f'din il-kawża qed jallega li l-konvenuta kienet aċċettat erba' kambjali tal-valur ta' tliet mija u seba' u sebgħin lira u ħamsin ċenteżmu tad-ditta *F. & R. Holdings Limited,* fuqu nnifsu hawn esebiti u mmarkati Dok. A, B, Ċ u D, li *F. & R. Holdings Limited* iġġirat dawn il-kambjali lill-attur *nomine;* u li billi dawn il-kambjali skadew iżda baqgħu ma tħallsux *nonostante* li l-konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallashom, għalhekk hu kellu jistitwixxi din il-kawża;

In linea preliminari l-konvenuta eċċepiet li hi ma għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* u l-interpellazzjonijiet minnu msemmija saru mill-kumpanija *F. & R. Holdings Limited* li magħha sar ftehim u għalhekk iċ-

ċitazzjoni saret intempestiva u l-eċċipjenti ma għandhiex tbati spejjeż. Fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 1984, il-konvenuta ppreżentat nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-*endorsement* magħmul mill-kumpanija *F. & R. Holdings Limited* u d-ditta *Medrock Developments Company Limited* huwa null billi jonqos ir-rekwiżit tad-data kif rikjest mill-art. 195 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

In effett dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala waħda għaliex *il-konvenuta* qiegħda ssostni li ma għandhiex ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* billi tirritjeni l-*endorsement* "*de quo*" huwa null u kwindi bla effett. Mit-trattazzjoni orali tal-każ jirriżulta li l-konvenuta qiegħda tirritjeni l-*endorsement* null minħabba l-fatt li m'hemmx miktuba d-data tagħha fuq il-kambjala skond il-ġurisprudenza tagħha l-ommissjoni tad-data ma *timportax nullità*. (Ara sentenza Rapinett vs Terreni deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 1984, – u r-raġunijiet hemm mogħtija). Għalhekk dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet jidhru li huma invalidi;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta *Rita Gauci* ppreżentata fil-21 ta' Diċembru, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenuta Rita Gauci ppreżentata fit-8 ta' Jannar, 1985, li biha talbet li din il-Qorti tiddikjara nulla s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat *nomine* u f'każ ta' eżitu *sfavorevoli għal* din it-talba, tirrevoka s-sentenza appellata *mogħtija* mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Diċembru, 1984 u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat *nomine* billi tiddikjara li l-*endorsement* magħmul hu null u għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* – u dana

kollu għar-raġunijiet miġjuba fl-istess petizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-appellat ippreżentata fis-17 ta' Jannar, 1985;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-proċess u b'mod partikolari mill-verbal tasseduta tas-6 ta' Diċembru, 1984 jirriżulta li dik in-nhar ġiet ittrattata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta u l-kawża ġiet iddifferita għall-14 ta' Diċembru, 1984, għad-deċiżjoni fuq l-istess eċċezzjoni. Wieħed għandu jifhem minn dan il-verbal li kien qiegħed jirriferixxi għall-ewwel eċċezzjoni li tinsab finnota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti fil-5 ta' Settembru, 1984 (fol. 10), ċjoè l-eċċezzjoni li l-konvenuta ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* u li l-interpellazzjonijiet kienu saru mill-kumpanija *F. & R. Holdings Limited* li magħha sar il-ftehim u li għalhekk iċ-ċitazzjoni saret intempestivament;

Wieħed għalhekk kien jistenna in segwitu għal dak il-verbal illi d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti tingħata fuq dik l-eċċezzjoni preliminari iżda minn eżami tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti kkunsidrat l-imsemmija eċċezzjoni preliminari bħala waħda mill-eċċezzjoni li tinsab f'nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri (fol. 9) li skond l-istess sentenza ġiet ippreżentata fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, magħmula mill-kumpanija *F. & R. Holdings Limited* favur l-attur *nomine* kienet nulla billi kien jonqos irrekwiżit tad-data, u mbagħad wara l-ewwel Qorti għaddiet biex tirrespinġi ż-żewġ eċċezzjonijiet;

Il-Qorti tosserva li fuq in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri (li daħlet fil-proċess f'paġna qabel dik tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-5 ta' Settembru, 1984) la hemm indikata li ġiet ippreżentata u wisq anqas id-data ta' dik il-preżentata. Dak li jingħad fis-sentenza appellata li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ġiet ippreżentata fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 1984 ikompli sfortunatament iżid il-perplessità tal-Qorti billi ma jirriżultax mill-proċess li qatt kien hemm seduta fit-12 ta' Diċembru, 1984 *fejn setgħet* ġiet ippreżentata l-istess nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri billi, kif jidher mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru, 1984 (fol. 21) u kif ġà ngħad, il-kawża ġiet iddifferita għall-14 ta' Diċembru, 1984, għad-deċiżjoni fuq l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Isegwi għalhekk li l-ewwel Qorti ddeċidiet fuq eċċezzjoni ulterjuri li legalment lanqas ma kienet fil-proċess. Jidher ukoll li l-ewwel Qorti, kif anke rrilevat il-konvenuta appellanti, fil-fatt qatt ma kkunsidrat jew tat xi motivi biex tiddeċidi l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni preliminari billi sempliċement ikkunsidrat din l-eċċezzjoni preliminari bħala waħda ma' l-eċċezzjoni ulterjuri li kif ingħad lanqas kienet legalment fil-proċess – dan apparti li ċertament iż-żewġ eċċezzjonijiet – dik preliminari u dik ulterjuri – ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala waħda billi altru li tgħid li l-konvenuta m'għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* u għalhekk iċ-ċitazzjoni hija intempestiva u altru li tgħid li l-*endorsement* huwa null billi jonqos ir-rekwiżit tad-data;

Dan kollu fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti għandu jwassal għan-nullità ta' l-ewwel sentenza;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara s-

sentenza appellata irrita u nulla u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom fiċ-ċirkostanzi jitħallsu bin-nofs mill-kontendenti.